**12 ta' Frar, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Vivian Gatt *noe*

*versus*

Carmelo Grima

**Ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta jew ta' Għawdex – Privilegium Fori**

*Kawża għal rekuperu ta' kreditu kontra persuna residenti Għawdex. Ġiet eċċepita n-nuqqas ta' Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Kummerċ. Il-Qorti sabet illi l-pagament u konsegwentement l-obbligazzjoni skond il-ftehim, a tenur ta' l-artikolu 770, kellu jsir Malta. B'hekk spiċċa l-Privilegium Fori u kellha ġurisdizzjoni il-Qorti tal-Kummerċ.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' tlett elef mitejn u wieħed u sittin liri tmenin ċenteżmu u ħames milleżmi (Lm3261.80,5) bilanċ ta' somma akbar rappresentanti l-prezz minnu miġbur ta' diversi oġġetti li hu biegħ għan-nom tas-soċjetà attriċi (Dok. A) u premess illi skond l-istess Dok. A li jġib id-data tat-18 ta' Jannar 1984 il-konvenut obbliga ruħu li jħallas l-imsemmija somma nkwantu għal elf lira (Lm1,000) fil-25 ta' Jannar 1984 u nkwantu għall-bilanċ immedjatament kif jottjeni faċilitajiet ta' self mingħad il-fergħa t'Għawdex tal-Mid-Med Bank Ltd u premess illi l-konvenut la ħallas l-Lm1,000 li hu ntrabat li jħallas fil-25 ta' Jannar 1984 u lanqas ottjena l-faċilitajiet ta' *self* imsemmija mingħand il-fergħa t'Għawdex tal-Mid-Med Bank Ltd l-istess attur *nomine* talab li l-konvenut għar-raġunijiet premessi:

1. Jiġi kkundannat iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' Lm1,000 fuq imsemmija li huwa suppost ħallas fil-25 ta' Jannar, 1984 u

2. Jiġi stabbiliti żmien qasir u perentorju, fl-iskadenza ta' liema terminu l-bilanċ tas-somma ta' Lm3,261.80,5 fuq imsemmija (ċjoè Lm2,261.80,5) jiġi kkunsidrat bħala dovut jekk fl-istess terminu l-konvenut ma jottjenix il-faċilitajiet ta' self imsemmija mill-fergħa t'Għawdex tal-Mid-Med Bank Ltd;

Bl-ispejjeż kompriżi dwak ta' l-ittra uffiċjali tal-21 ta' Frar 1984 u bl-imgħax legali kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

1. Illi t-talba ta' l-attur *nomine* hija infondata fid-dritt u fil-fatt;

2. Illi l-allegat kont sar unilateralment mill-attur *nomine* u bl-ebda mod ma jirrappreżenta l-bilanċ li allegatament għandu jagħti l-konvenut;

3. Illi meta saret il-firma tal-konvenut dina saret taħt pressjoni kbira u theddid min-naħa tas-soċjetà attriċi u l-listess konvenut iddikjara li kien qed jiffirma biex jekk isib li għandu jagħti xi ħaġa lis-soċjetà attriċi, huwa jagħtiha;

4. Illi fil-fatt kull transazzjoni li saret bejn is-soċjetà attriċi u l-konvenut saret *'Cash Sale'* u huwa dejjem ħallas il-kontijiet kollha li kienu jippreżentawlu meta jmur għax-xogħol;

5. Illi fil-fatt ukoll is-soċjetà attriċi biddlet l-ammont allegatament dovut u dana jidher fl-istess dokument esebit a fol. 5 tal-proċess u dana sar wara l-istess soċjetà vverifikat xi ftit mill-kontijiet;

Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li biha eċċepixxa:

1. Illi din il-Qorti mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża għaliex huwa Għawdxi u jesiġi d-dritt tal-*"Privilegium Fori"* u għalhekk il-kawża għandha tinstema' quddiem tribunal f'Għawdex;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet premessi fis-27 ta' Lulju 1987 li biha ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut u ddikjarat lilha nnifisha nkompetenti li tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-pretenzjoni ta' l-attur *nomine* u għalhekk bl-ispejjeż kontra l-attur *nomine* u dan wara li rat u kkunsidrat dak li ġej: –

*Omissis;*

Illi l-konvenut sostna illi l-artikolu 741(e) 767 u 50(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma applikabbli għall-każ odjern u li għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna bħal Qorti ta' l-ewwel grad u **b'esklużjoni tal-Qrati ta' Malta** hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-pretensjoni odjerna ta' l-attur li hi kontra konvenut li għandu r-residenza ordinarja tiegħu fil-Gżira ta' Għawdex;

Illi l-konvenut irrifera ukoll għall-artikolu 770 ta' l-istess Kodiċi li jgħid hekk:

"Il-*"privilegium fori"* jispiċċa wkoll f'każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li skond il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi Gżira partikolari";

Illi din il-Qorti tasal li tinferixxi mill-kumpless tal-provi li bejn il-kontendenti kien hemm ftehim taċitu jekk mhux espress li l-konvenut iħallas f'Malta għall-merkanzija li jieħu diment li r-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-kontendenti baqgħu regolari u ċjoè fis-sens ta' dak li ġie varbalizzat a fol. 15 tal-proċess. Matul dan il-perijodu ta' transazzjonijiet il-konvenut kellu jesegwixxi f'Malta l-obbligazzjoni tiegħu tal-pagament għall-merkanzija li

kien jirtira f'Malta eżattament fl-uffiċċju tas-soċjetà attriċi;

Illi però mill-provi jirriżulta li tali relazzjonijiet kummerċjali regolari bejn il-kontendenti ġew imwaqqfa mis-soċjetà attriċi li ma baqgħetx tissupplixxi merkanzija lill-konvenut minħabba l-allegat dejn konsderevoli li baqa' ma tħallasx;

Illi din il-Qorti jidhrilha li l-ftehim taċitu dwar il-lok fejn il-konvenut kellu jaffettwa l-pagament li ssemma' aktar qabel ma jistax raġonevolment ikun estiż għall-ftehim speċifiku li hu inkorporat fl-iskrittura datata 18 ta' Jannar 1984 u li fuqha hija bbażata din il-kawża. L-istess ftehim ma jsemmi xejn dwar dan l-aspett u x-xhud ta' l-attur Stephen Gatt jammetti li ma kien sar l-ebda ftehim dwar il-ħlas tal-bilanċ;

Illi għalhekk wieħed irid bilfors idur fuq id-disposizzjonijiet ġenerali tal-liġi li jirregola l-lok fejn l-obbligazzjoni assunta għandha tiġi esegwita f'dan il-każ il-pagament ta' somma ta' flus;

Illi l-artikolu 1159(3) u (4) tal-Kodiċi jgħid hekk:

"(3) Jekk il-ħaġa li għandha tingħata bi ħlas hija somma ta' flus u sew id-debitur kemm il-kreditur ikunu joqogħdu fl-istess Gżira l-ħlas għandu jsir fid-dar tal-kreditur;

(4) F'kull każ ieħor il-ħlas għandu jsir fejn ikun joqgħod bid-dar id-debitur;

Illi għaldaqstant jidher ċar li fin-nuqqas ta' ftehim taċitu jew espress dwar il-lok fejn kellu jsir il-ħlas ta' l-allegat dejn il-konvenut skond l-imsemmija disposizzjoni tal-Kodiċi Ċivili l-

ħlas kellu jsir fil-Gżira ta' Għawdex;

Isegwi illi l-artikolu 770 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma hux applikabbli għall-każ odjern u invece huwa applikabbli l-artikolu 50(1) ta' l-istess Kodiċi interalia;

Illi konsegwentement din il-Qorti ma hijiex kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-pretensjoni ta' l-attur peress li l-*"Privilegium fori"* riklamat mill-konvenut bl-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu hu ġustifikat";

*Omissis;*

Illi skond il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-privileġġ tal-forum jispiċċa fi tliet każijiet. L-ewwel każ meta jissuċċedi li n-numru tal-konvenuti li joqogħdu f'Malta jkun daqs dak ta' dawk li joqogħdu f'Għawdex (art. 769); it-tieni meta l-obligazzjoni skond il-ftehim kellha tiġi esegwita fi gżira partikolari (art. 770); u fit-tielet lok meta dna il-privileġġ jiġi rrinunzjat (art. 772);

L-aggravju ta' l-appellant f'dan l-istadju jirrigwarda t-tielet ipotesi. Skond l-artikolu 772 tal-Kodiċi fuq ċitat, dan il-privileġġ jista' jiġi rrinunzjat u meta ma jiġix mitlub għandu jitqies li ġie rrinunzjat. Dan ifisser li r-rinunzja tista' tkun kemm espressa kif ukoll taċita. Minn eżami ta' dan l-artikolu jidher ċar li l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* trid tingħata fil-bidu nett tal-kawża qabel eċċezzjonijiet oħra fuq il-mertu. Jekk jingħataw dawn qabel, jiġi li l-konvenut ikun issottometta ruħu għall-Qorti li quddiemha tkun ġiet ippreżentata ċ-ċitazzjoni. B'hekk ukoll jiġi li l-konvenut ma jkunx talab li jagħmel xejn mill-privileġġ

"*de quo*" u dan skond l-art. 772 tal-Kodiċi fuq ċitat għandu jitqies bħala rinunzja tad-dritt tiegħu għal dan il-privileġġ;

Issa fil-każ preżenti fin-nofs ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, il-konvenut ta biss eċċezzjonijiet fuq il-mertu u b'ebda mod ma nvoka favur tiegħu l-"*privilegium fori*". B'hekk hu stess ġie li aċċetta l-ġurisdizzjoni ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ. In fatti l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* ġiet sollevata minnu permezz ta' nota fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 1984 ferm wara n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu fuq il-mertu;

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fil-fatt li fl-opinjoni tiegħi, il-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti li "l-ftehim inkorporat fl-iskrittura tat-18 ta' Jannar 1984 (Dok. A) huwa ftehim indipendenti u totalment separat minn dak ġa eżistenti bejn il-partijiet" hija żbaljata. Huwa jissottometti li l-ftehim "*de quo*" ma kienx xi ftehim ġdid, iżda sempliċement tibdil tal-ftehim eżistenti għar-rigward tal-modalità ta' meta kellhom isiru l-pagamenti;

Mill-verbal ta' l-24 ta' Mejju 1985 jirriżulta li l-partijiet jaqblu li l-konvenut kien jgħix Għawdex kif ukoll li dan kien jeffettwa l-pagamenti akkont fil-Gżira ta' Malta. Dawn jaqblu wkoll li x-xogħol tal-konvenut kien ta' "*Courier*" ċjoè li jdur l-ispiżeriji f'Għawdex, jieħu l-ordnijiet minn għandhom, jiġi lura Malta, imur għand id-ditta attriċi jieħu l-merkanzija ordnata mill-ispiżeriji Għawdxin, iħallas għaliha u jmur lura Għawdex biex iqassamha. Skond Stephen Gatt il-ħlas kien isir dejjem fl-uffiċċju tas-soċjetà attriċi Malta lill-iskrivani u hu kien ikun

preżenti. F'*ċertu mument* huma raw li l-konvenut kellu jagħti somma konsiderevoli u talbuh biex iħallas. Sadattant l-attur *nomine* waqaf milli jkompli jforni lill-konvenut bix-xogħol u saret l-iskrittura tat-18 ta' Jannar 1984 li fiha ġie stabbilit kif il-konvenut kellu jħallas il-bilanċ dovut. Mill-iskrittura jirriżulta li l-konvenut kellu jħallas is-somma ta' Lm1000 fi żmien ġimgħa u ċjoè sal-25 ta' Jannar *1984* u kwantu *għall-*kumpalment *malli* dan jottjeni self mingħand il-Mid-Med Bank;

Issa jirriżulta b'mod ċar li l-ħlas mill-konvenut kien dejjem isir Malta fl-uffiċċju ta' l-attur *nomine*. L-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi huwa kollu għax-xogħol u negozju li kien għaddej qabel bejn il-kontendenti sa kemm il-konvenut kien waqaf fil-ħlas. L-iskrittura in kwistjoni tirregola biss kif kellu jitħallas il-bilanċ. Minn dan wieħed jifhem li la ma semmgħu xejn il-partijiet dwar fejn kellu jitħallas il-bilanċ, kien intiż bejniethom li dan kellu jibqa' jsir f'Malta u la dan kellu jsir Malta japplika d-dispost *ta' l-artikolu 770 tal-Kodiċi fuq ċitat u għalhekk* f'dan il-każ il-*privilegium fori* kien spiċċa;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tilqa' l-appell ta' Vivian Gatt *nomine,* u għalhekk prevja li tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet premessi tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut appellat bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.